

Brussell, 15 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11767/26

AGRILEG 186
VETER 118

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	9 ta' Lulju 2026
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D115107/2
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'XXX li jemenda l-Annessi IV, VI u VIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 fir-rigward tal-lista tal-Istati Membri awtorizzati li jużaw ċerti prodotti sekondarji tal-annimali biex jagħlfu ċerti speċijiet tal-għasafar nekrofaċi, u r-rimi, l-użu u l-immarkar ta' ċerti fjuwils rinnovabbli

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument D115107/2.

Mehmuż: D115107/2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
PLAN/1100/2025 Rev. 1
(POOL/G2/2025/1100/1100R1-
EN.docx) D115107/02
[...](2026) **XXX** draft

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'XXX

li jemenda l-Annessi IV, VI u VIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 fir-rigward tal-lista tal-Istati Membri awtorizzati li jużaw ċerti prodotti sekondarji tal-annimali biex jagħlfu ċerti speċijiet tal-għasafar nekrofaċi, u r-rimi, l-użu u l-immarkar ta' ċerti fjuwils rinnovabbli

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'XXX

li jemenda l-Annessi IV, VI u VIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 fir-rigward tal-lista tal-Istati Membri awtorizzati li jużaw ċerti prodotti sekondarji tal-annimali biex jagħlfu ċerti speċijiet tal-għasafar nekrofaċi, u r-rimi, l-użu u l-immarkar ta' ċerti fjuwils rinnovabbli

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali u derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 18(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b)(i), u l-Artikolu 21(6), l-ewwel subparagrafu, il-punti (c) u (d) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 jistabbilixxi r-regoli għall-ġbir, l-użu u r-rimi tal-prodotti sekondarji tal-annimali u tal-prodotti derivati, inklużi r-regoli għat-tagħlif tal-materjal tal-Kategorija 1 lill-ispeċijiet fil-periklu jew protetti tal-għasafar nekrofaċi fil-habitat naturali tagħhom u għat-tikkettar tal-prodotti sekondarji tal-annimali.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011² jistabbilixxi l-miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-regoli applikabbli għall-prodotti sekondarji tal-annimali u tal-prodotti derivati mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1069/2009, inklużi r-regoli speċjali dwar it-tagħlif tal-annimali u r-regoli dwar il-ġbir, it-trasport u t-traċċabbiltà tal-prodotti sekondarji tal-annimali.
- (3) Il-Kapitolu IV, it-Taqsima 3, tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jistabbilixxi r-regoli għar-rimi u l-użu ta' prodotti derivati. Ġew introdotti metodi alternattivi ġodda ta' pproċessar għall-produzzjoni ta' fjuwils rinnovabbli bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2025/1377³ fil-Kapitolu IV, it-Taqsima 2, tal-

¹ ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1069/oj>.

² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/142/oj>).

³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2025/1377 tal-15 ta' Lulju 2025 li jemenda u jikkoreġi r-Regolament (UE) Nru 142/2011 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti għall-introduzzjoni fis-suq u l-importazzjonijiet ta' prodotti sekondarji tal-annimali u ta' prodotti derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L, 2025/1377, 16.7.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/1377/oj>).

Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 għall-produzzjoni tal-bijodiżil minn xaħmijiet ipproċessati u mmaċinati tal-materjali tal-Kategorija 1, tal-Kategorija 2 u tal-Kategorija 3. Madankollu, dawn il-metodi l-ġodda għadhom mhumiex inklużi fil-Kapitolu IV, it-Taqsima 3, tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 dwar ir-rimi u l-użu awtorizzati ta' ċerti prodotti derivati. Għalhekk, jenħtiegħ li l-Kapitolu IV, it-Taqsima 3, tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jiġi emendat biex, fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar ir-rimi u l-użu awtorizzati, jinkludi l-prodotti li jirriżultaw mill-metodi alternattivi ta' pproċessar li għadhom kif ġew introdotti għall-produzzjoni tal-fjuwils rinnovabbli.

- (4) F'konformità mar-regoli dwar il-finijiet ta' tagħlif speċjali stabbiliti fl-Artikolu 18(2), il-punt (b), tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 u b'deroga mill-Artikolu 12 tiegħu, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-tagħlif tal-materjal tal-Kategorija 1 (eż.: il-bhejjem mejta) għall-ispeċijiet fil-periklu jew protetti tal-għasafar nekrofaċi u speċijiet oħra li jgħixu fil-ħabitat naturali tagħhom, għall-promozzjoni tal-bijodiversità.
- (5) Il-Kapitolu II, it-Taqsima 2, il-punt 1(a)(i) tal-Anness VI tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jistabbilixxi l-lista tal-Istati Membri li fihom il-materjal tal-Kategorija 1 jista' jingħalef lill-ispeċijiet fil-periklu u protetti tal-għasafar nekrofaċi, kif ukoll l-ispeċijiet tal-għasafar nekrofaċi li jistgħu jingħalfu materjal tal-Kategorija 1. Il-Kummissjoni rċeviet talba formali mir-Rumanija biex tiġi inkluża f'dik il-lista ta' Stati Membri. Għalhekk, jenħtiegħ li l-Anness VI tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jiġi emendat kif xieraq.
- (6) Il-Kapitolu V, il-punt 1, tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jipprevedi li ċerti prodotti derivati tal-Kategoriji 1 u 2 iridu jiġu mmarkati bi "gliceroltriheptanoat (GTH)" biex tiġi identifikata l-preżenza tal-prodotti derivati tal-Kategoriji 1 u 2 fl-għalf għall-annimali mrobbija. Jenħtiegħ li l-prodotti finali tal-metodi alternattivi ta' pproċessar introdotti reċentement għall-produzzjoni tal-fjuwils rinnovabbli jiġu esklużi minn dan l-obbligu ta' mmarkar sa fejn dawn il-prodotti jintużaw għall-magni tal-kombustjoni interna, peress li dawn il-prodotti ma jistgħux jintużaw bħala għalf. Għalhekk, jenħtiegħ li l-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jiġi emendat biex jeskludi dan il-bijodiżil prodott minn xaħmijiet ipproċessati u mmaċinati tal-materjali tal-Kategorija 1, tal-Kategorija 2 u tal-Kategorija 3 minn dan l-obbligu.
- (7) Għalhekk, jenħtiegħ li l-Annessi IV, VI u VIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jiġu emendati kif xieraq.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi IV, VI u VIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN